31982R3618

31.12.1982 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 382/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3618/82
tal-21 ta' Diċembru 1982
dwar l-utilizzazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 3/82 tal-KEE-Kumitat Konġunt tan-Norveġja li jemenda Protokolli 1 u 2 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-imsemmi Stat

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi il-Komunità Ekonomika Ewropea iffirmat Ftehim mar-Renju tan-Norveġja [1] fl-14 ta' Mejju 1973 li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1973;

Billi bis-saħħa ta' l-Artikolu 12a tal-Ftehim il-Kumitat Konġunt addotta d-Deċiżjoni Nru 3/82 li jemenda Protokolli 1 u 2;

Billi din id-Deċiżjoni għandha tingħata effett fil-Komunità,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-iskopijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja, Deċiżjoni Nru 3/82 tal-Kumitat Konġunt għandha tapplika fil-Komunità.

It-test ta' din id-Deċiżjoni hija mwaħħla ma dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jkun ġie ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Jannar 1982.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1982.

Għall-Kunsill

Il-President

O. MØLLER

[1] ĠU L 171, tas-27.6.1973, p. 2.